## Ninu Cremona

Ninu Cremona jista' jitqies bħala studjuż ewlieni tal-Malti. Fost l-oħrajn kien grammatiku, poeta u folklorista. Imma ismu żgur li jibqa' marbut max-xogħol li għamel biex ilsienna jikseb il-post li jixraqlu billi jkun miktub b'ortografija waħda mibnija fuq regoli grammatikali xjentifiċi bħall-ilsna barranin.

"Is-Sur Nin", kif kien magħruf fost ħbiebu, twieled fis-27 ta' Mejju, 1880 fir-Rabat, Għawdex. Missieru, Feliċ Cremona, kien nutar, filwaqt li ommu, Margerita, kienet in-neputija tal-Isqof Pietru Pace. Ta' 5 snin tilef lil missieru u kellu jmur jgħix Tuneż ma' zijuh Achille Pace. Meta ġie lura Malta bħala żagħżugħ kompla bl-edukazzjoni tiegħu l-ewwel fis-seminarju t'Għawdex u wara f'dak ta' Malta. Kien f'dan iż-żmien li tħajjar u beda jikteb il-poeżija bit-Taljan.

Fil-bidu tas-seklu għoxrin kien qed jinħass jagħfas il-bżonn li l-kittieba tal-Malti jingħaqdu flimkien. Hekk twaqqfet l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, li llum hija magħrufa bħala *L-Akkademja tal-Malti* u li tagħha Ninu Cremona kien wieħed mill-fundaturi. Meta kien f'din l-Għaqda, Ninu Cremona ta l-isbaħ rigal lil pajjiżu: li fassal ir-regoli xjentifiċi għall-kitba tal-Malti b'alfabett uniformi u prattiku li stabbilew l-ortografija u fetħu t-triq biex il-Malti jinkiteb b'mod xieraq. Dawn wasslu biex il-Malti beda jiġi aċċettat bħala mezz utli u effikaċi għall-komunikazzjoni daqs lingwi oħra u b'hekk beda jikseb bil-mod il-mod il-post li tassew jixraqlu bħala lsien nazzjonali fl-oqsma edukattivi u dawk amministrattivi.

Fl-1924, dawn ir-regoli nġabru fil-manwal *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija.* Ninu Cremona ma waqafx hawn imma kompla bil-ħidma lingwistika tiegħu bil-

pubblikazzjoni tal-istudju *X'inhu l-Malti Safi.* Kiteb ukoll *It-Tagħlim fuq il-Kitba Maltija,* grammatika maqsuma f'żewġ kotba li għenet qatigħ biex l-ortografija l-ġdida taqbad l-art fost il-kittieba u s-soċjetà inġenerali. Dawn il-kotba servew u għadhom iservu bħala punt tajjeb ta' referenza għall-istudjużi tal-Malti u għal dawk li jkollhom xi diffikultajiet fuq il-kitba bil-Malti. Kienu wkoll użati għal ħafna snin fl-iskejjel fit-tagħlim tal-grammatika u l-ortografija Maltija.

Fl-1936 Ninu Cremona sar għalliem tal-Malti fil-Liċeo u kien jgħallem il-klassijiet il-kbar tas-sekondarja. Ħadem ukoll bħala traduttur tal-Malti u kien Segretarju tal-kummissjoni għat-traduzzjonijiet tal-liġijiet Maltin.

Ninu Cremona kien ukoll poeta għalkemm ġeneralment norbtuh biss mal-qasam lingwistiku. Il-poeżiji li kiteb ġabarhom fil-kotba *Weraq mar-Riħ*, *Rand u Riħan* u *Mis-Siġra ta' Ħajti*.

Kien ukoll drammaturgu u l-aqwa xogħol tiegħu huwa *Il-Fidwa tal-Bdiewa* li jitqies bħala l-ewwel dramm letterarju Malti. Huwa dramm imnebbaħ mill-ġrajja nazzjonali taż-żminjiet tan-nofs meta l-Malti, imxebbgħin mill-ħakma tal-barrani, irvellaw kontra l-ħakma ta' Gonsalvo Monroi li kien xtara l-Gżejjer Maltin mingħand ir-Re Sqalli u kien qed jgħakkes bla tarf lill-poplu biex jiġbor flusu. Il-poplu ma felaħx iktar u wara li keċċewh 'il barra l-Maltin tgħabbew bil-piż li jifdu l-gżira billi jħallsu lura lil Monroi is-somma ta' 30 elf fjorin, basta jibqgħu ħielsa taħt il-kuruna tar-Re ta' Sqallija. Id-dramm jirrakkonta b'mod ħaj din il-ġrajja storika tal-poplu tagħna u juri li l-Maltin dejjem kellhom jiġġieldu għal-libertajiet tagħhom u biex jiksbu d-drittijiet u l-identità tagħhom bħala nazzjon sovran.

Ninu Cremona kien ukoll kittieb u riċerkatur ħabrieki. Kiteb ukoll proża narrattiva, rumanzett u xi ftit novelli. Ta sehem siewi fil-qasam tal-folklor

permezz tar-riċerka u l-istudju tiegħu dwar leġġendi, ħrejjef, drawwiet, opri tal-baħar u kliem użat mill-baħħara u s-sajjieda. Kiteb ukoll għadd ta' bijografiji ta' Maltin u barranin li kellhom rabtiet mal-ilsien Malti, fosthom dik fuq Vassalli bl-isem ta' *Mikiel Anton Vassalli u żminijietu*.

L-aħħar snin ta' ħajtu, Ninu Cremona qattagħhom Għawdex man-neputijiet tiegħu. Għex ħajja twila u ħabrieka u żgur jibqa' mfakkar għal imħabbtu lejn Malta u l-ilsien tagħha. Ġużè Aquilina jagħtina l-isbaħ apprezzament fuq Ninu Cremona meta qal: "Ħaġa li kienet tgħaġġibni fis-Sur Nin hi kif waħdu, mingħajr edukazzjoni formali lingwistika f'università, waqqaf, b'ħiltu biss, ir-regoli tal-ortografija Maltija fuq sisien xjentifiċi."

Is-silta tal-qari li se nisimgħu llum hija meħuda mir-rumanz waħdieni li Ninu Cremona kiteb fl-1968 bl-isem ta' *Ktajjen Maqtugħa*. Dan huwa rumanz qasir ta' madwar 80 paġna u kien ħareġ f'puntati fil-ġurnal *Il-Ħaddiem*. Ir-rumanz jittratta t-tema tal-imħabba bit-tbatijiet u s-sodisfazzjonijiet li din iġġorr magħha. Fis-silta magħżula se nassistu għall-ewwel laqgħa bejn Ġorġ u Doris, iż-żewġ karattri protagonisti tar-rumanz.

Qari – ***Ktajjen Maqtugħa***